**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Frar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 51 / 13RGM

Kawza fil-lista: 10

**Z P f'isimha u**
**ghan-nom tal-minuri bintha W S R**
**vs**
**A F S R**

**Il-Qorti,**

**Rikors Guramentat**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet ghexu f'relazzjoni flimkien ghal madwar tlett snin illi nqalghu diversi diffikultajiet bejn il-partijiet. Illi mill-istess relazzjoni twieldet il-minuri W S R illi llum ghandha erba' snin. Illi l-Att tat-twelid taghha jinsab esebit fil-medjazzjoni illi saret. Huma qatt ma ghexu taht saqaf wiehed, ghax huwa kien jghid li t-tifla tal-attrici miz-zwieg li kien gie annullat kienet ta' tfixkil ghalih.

2. Illi ricentement, u abbazi taghha qed issir din il-kawza, inghalqet il-medjazzjoni 1391/12.

3. Illi precedentement fit-22 ta' Dicembru 2011 il-partijiet, wara medjazzjoni u dibattiti shah, waslu ghal ftehim illi gie redatt bil-kitba u sottomess ghall-approvazzjoni tal-Qorti. Immedjatament wara l-konvenut siefer lejn l-Argentina fejn ghamel xahar. Lanqas lahaq ghadda ftil taz-zmien illi huwa ma bediex jaghzel dawk il-partijiet tal-ftehim illi kienu favur tieghu u jrid ibiddel jew b'mod ta' proceduri jew billi jaghmel li jrid kundizzjonijiet illi kienu gew stipulati fl-istess ftehim.

4. L-ewwel attakk tieghu kien dwar it-tifla W S R illi kienet diga' tinsab fl-iskola Verdala meta sar il-ftehim fit-22 ta' Dicembru 2011. Il-partijiet meta kienu qeghdin jikkontrattaw u jissottomettu ghand l-lmhallef ma kienu qed ibiddlu xejn mill-istatus quo illi kienu fihu l-klawsola kienet specifikatament fis-sens illi huwa kellu d-dritt ikun jaf u jiddeciedi fuq l-andament edukattiv tat-tifla. Ghalkemm il-konvenut kien iddikjara illi se jhallas nofs b'nofs l-edukazzjoni tat-tifla, fil-fatt l-attrici spiccat illi hallset tlett terms in fila filwaqt li hu hallas term wiehed mill-kuntratt 'l hawn. Illi biex jivvessa lill-istess huwa ghazel illi jbiddel l-iskola tat-tifla meta fil-fatt anke mal-awtoritajiet tal-iskola kien iddikjara illi hu lest illi jhallas il-mizati tat-tifla u dan fl-iskola Verdala.

5. Illi aspett iehor illi l-ftehim ma rnexxiex kien dwar dak illi kellu jhallas l-istess konvenut lill-attrici bhala parti mill-manteniment. Fil-fatt diga' sal-ahhar seduta tal-medjazzjoni kien hemm ammont dovut ta' €3,379.77 li jikkomprendi wkoll is-semester tal-iskola li l-konvenut ma hallasx. Fuq l-ispejjez ta' hwejjeg, huwa beda jinsisti illi l-omm, mhux biss tipprezenta r-ricevuti imma sahansitra turi l-hwejjeg godda bit-tags qabel it-tifla tilbishom.

6. Illi mid-digriet tat-22 ta' Dicembru 2011 sal-lum, il-konvenut izzewweg u fforma familja u f'dan iz-zwieg il-mara ghandha zewg minuri taghha.

7. Illi l-esponenti ghandha tifla ta' hdax-il sena minn zwieg li gie annullat Maya. L-istess Maya tinsab fl-iskola Verdala fejn tista' tiehu hsieb lil half sister taghha u ghandha garantit il-post tal-iskola sal-eta' ta' tmintax-il sena.

8. Illi l-esponenti m'hi qed tikkoabita ma' hadd.

9. Illi ghalhekk qeghda ssir din il-kawza, biex b'mod definittiv ikun hemm decizjoni tal-Qrati dwar il-kura u l-kustodja li ghandha tigi moghtija lill-esponenti, unikament lilha, bid-dritt tal-access ghal missier kif ukoll jigi regolat il-manteniment u dak li ghandu jikkontribwixxi l-istess konvenut ghall-istess minuri u jigu regolamentati aspetti ohra fl-interess tal-minuri.

Kawzali

Peress li hu fl-ahjar interess tal-minuri W S R li r-relazzjonijiet taghha u r-rispettivi drittijiet u obbligi tal-partijiet lejha jkunu stabbiliti b'sentenza, u dan precizament fuq il-kura u kustodja taghha, edukazzjoni, access u manteniment u l-modalitajiet tal-istess manteniment;

Peress illi kull ftehim milhuq bejn il-partijiet ma operax sodisfacentement, u kien hemm ghadd kbir ta' rikorsi, li gew decizi minghajr smiegh, u f'dan il-kaz partikolari s-smiegh jaghti l-opportunita' tal-evalwazjoni tal-versjonijiet tal-partjiet;

Peress li l-minuri ghexet dejjem mal-attrici, u ghalhekk huwa fl-ahhar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghha tkun f idejn l-attrici.

Talbiet

Jghid il-konvenut:

1. Ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri W S R unikament lill-attrici, b'access ghall-konvenut kif jigi regolat.

2. Tiffissa retta alimentarja ghall-minuri f'somma li tikkomprendi l-bzonnijiet normali tal-hajja, b'revizjoni skond l-gholi tal-hajja kull tlett snin, u taghti provvedimenti ta' dak dovut mill-konvenut ghall-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri;

3. Tirregola dwar il-hrug ta' passaport ghall-minuri li jinzamm mill-attrici, u tirregola dwar is-safar tal-minuri skond kif jinqala' l-kaz 'il quddiem.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

**Risposta Guramentata.**

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

Illi t-talbiet kollha attrici, kif impostati, huma insostenibbli u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti motivi:

1. Illi l-ewwel talba hija opposta ghas-segwenti motivi:

i. Illi fl-ewwel lok, ma gie imkien premess mill-attrici illi l-materja tal-kura u l-kustodja ta' bint il-kontendenti, W - flimkien ma ghadd ta' kwistjonijiet ohra illi huma lkoll meritu ta' din il-kawza - gie regolat bi ftehim tal-20 ta' Dicembru

2011 maghmula bl-awtorizazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, fejn gie miftiehem, illi l-kura u l-kustodja tal-istess minuri hija fdati lill-genituri taghha kongjuntivament. L-attrici trid turi ghalfejn il-Qorti ghandha, fl-interess suprem tal-minuri, tiddisturba dak miftiehem bejn il-kontendenti ftit anqas minn sena ilu. Mill-premessi maghmula mill-istess attrici fir-rikors guramentat taghha l-attrici lanqas ittentat tipprovdi raguni xierqa ghal daqshekk.

ii. Illi l-imgieba tal-attrici hija tali illi ma ghandhiex tigi affidata bil-kura u kustodja esklussiva tat-tifla minuri W. L-attrici holqot allegazzjonijiet foloz u serjissimi fil-konfront tal-konvenut fis-sens illi huwa kien b'xi mod abbuza mit-tifla W. Propju ghaliex dawn l-akkuzi huma serji u foloz u servew sabiex ghal dawn l-ahhar erba xhur skorruti, il-konvenut ma rax aktar lil bintu, l-istess konvenut jissottometti illi persuna illi tasal biex tallontana tifla ckejkna mill-imhabba, l-kura u l-attenzjoni ta' misssierha, martu u ulied martu, ma ghandha qatt tigi fdata bil-kustodja tal-istess tifla. Il-konvenut qieghed jipprezenta kontro-talba appuntu biex il-kustodja tat-tifla tigi fdata lilu.

iii. Illi dwar l-"attakk" illi, skond dak premess mill-attrici, il-konvenut ghamel in konnessjoni mal-iskola Verdala - illi jidher illi huwa l-motiv principali ta' din l-azzjoni (fejn li incidentalment ma jsemmi imkien il-“korruzzjoni" tal-minuri illi sa ftit ilu kienet tallega l-istess attrici) l-konvenut jissottometti illi t-tifla prezentement qeghda tattendi l-iskola Verdala ghalkemm dina l-Onorabbli Qorti kienet ordnat illi ghandha tattendi l-iskola San Anton. Biex din l-illegalita sehhet, l-attrici pprezentat tlett mandati ta' inibizzjoni – kollha michuda - biex l-konvenut ma jiehux lit-tifla San Anton u ftit granet wara li gie michud it-tielet wiehed, l-attrici pprezentat rikors fejn falsament allegat illi l-konvenut qieghed jikkorrompi lit-tifla u dina l-Qorti ordnat b' digriet provizorju illi ghadu fis-sehh is-sospenzjoni effettiva tad-drittijiet ta' access tal-konvenut.

2. Illi t-tieni talba ghall-hlas tal-manteniment tat-tifla hija ukoll opposta u dan ghas-segwenti ragunijiet;

i. Illi fl-ewwel lok, jerga jinghad illi l-materja tal-manteniment gie miftiehem u regolat bil-ftehim tal-20 ta' Dicembru 2011 fuq imsemmi, fejn giet stabilita ir-retta ta' manteniment, il-modalita' tar-revizjoni taghha u liema spejjez ghandhom jigi sopportati ugwalmalment mill-kontendenti. Jghodd f'dan ir-rigward ghalhekk il-principju pacta sunt servanda. M'huwiex miftuh ghall-attrici illi tittenta illi tvarja dan il-ftehim.

ii. Fit-tieni lok l-allegat inadempjenza ta' hlas ta' dak miftiehem fl-imsemmi ftehim tal-20 ta' Dicembru 2011 ma jista' qatt jiggustifka talba ghar-revizjoni tieghu izda biss l-ezekuzzjoni tieghu bil-modi mahsuba mill-Ligi.

iii. Illi l-attrici qeghda tittenta tvarja ftehim minghajr ma ssemmi l-ezistenza tieghu u minghajr ma tittenta taghti xi raguni illi gjuridikament tista' twassal ghal varjazzjoni ta' ftehim.

iv. Illi in subsidium jigi ukoll eccepit illi l-uniku kont illi l-konvenut ma hallasx huma l-mizati tal-iskola verdala illi l-imsmemija minuri qeghda tattendi b'imposizzjoni tal-attrici u bi ksur tal-ordnijiet ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi t-tielet talba dwar il-hrug ta' passport ghall-minuri u s-safar tal-istess minuri hija ukoll opposta ghar-ragunijiet segwenti:-

i. Fl-ewwel lok, ma jidhirx illi giet miksuba l-awtorizazzjoni tal-Qorti biex din it-talba tigi imressqa fil-proceduri ta' medjazzjoni. Il-proceduri ta' medjazzjoni huma mehtiega fuq kull materja illi dwarha eventwalment ikun hemm litigju, propju ghaliex il-legislatur irid illi l-genituri jkunu ezawrew il-mezzi disponibbli ghalihom illi ftehmu qabel ma jressqu kwistjoni l-Qorti. Dan in-nuqqas igib in-nullita tat-talba.

ii. Fit-tieni lok, din il-materja ukoll giet regolata fl-imsemmi ftehim tal-20 ta' Dicembru 2011, b' mod illi, ghad illi dina l-onorabbli Qorti tista' fl-interess suprem tal-minuri tordna xorta ohra minn dak miftiehem mill-kontendenti, l-attrici imkien ma ppremettiet dak li gie miftiehem fl-istess ftehim u r-raguni illi ghandhom jwasslu lill-Qorti tvarja l-ftehim.

iii. Illi l-materja tal-passaport qatt ma qanqlet problemi bejn il-kontendenti u fil-fatt il-minuri ghandha passaport. F' Awwissu li ghadda, il-minuri siefret mal-attrici ommha bil-kunsens tal-konvenut.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-rikors guramentat tal-attrici martu sabiex ukoll awtorizzat bis-sahha tal-awtorizazzjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fil-25 ta' Frar 2013, huwa jistitwixxi din il-kontro-talba;

2. Illi l-kontendenti, illi qatt ma kienux mizzewgin lil xulxin, ghandhom tifla, W S R, illi twieldet mir-relazzjoni taghhom fl-27 ta' Dicembru 2008 illi llum ghandha erba' (4) snin.

3. Illi l-kontendenti kienu ittranzigew dizgwid illi nqala bejniethom permezz ta' kuntratt illi jirregola t-trobbija tal-imsemmija minuri, finalizzat dan il-kuntratt

wara l-medjazzjoni li saret bejn il-kontendenti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni Numru 227/12.

4. Illi skont dak miftiehem permezz ta' ftehim tal-20 ta' Dicembru 2011 – liema ftehim gie sussegwentement affermat mill-Qorti - il-kura u l-kustodja tal-minuri baqghet kongunta izda l-minuri baqghet tghix fil-kura tal-omm b' access ampju lil konvenut missierha, A F S R, illi gie wkoll stabbilit bhala ezercitabbli fil-granet u hinijiet stabbiliti fl-imsemmi ftehim. Inizjalment ma kienx hemm dizgwid u l-kontendenti osservaw l-istipulazzjonijiet elenkati fil-ftehim minghajr problemi.

5. Illi l-konvenut jibza' illi r-rapport tieghu mat-tifla u allura u ferm aktar importanti r-rapport tat-tifla ma’ missierha qieghed jigi kkondizzjonat mill-fatt illi l-imsemmija Z P ma accettatx it-thassir tar-rapport taghhom u thoss antipatija kbira lejn il-mara tal-konvenut. Minn mindu sar car illi r-relazzjoni ma' martu Joanna kienet wahda serja, beda jsib diffikulta kbira fir-rapport tieghu mal-imsemmija Z P illi dahlita f' mohha illi l-gharusa tal-konvenut, allura llum martu, kienet responsabbli ghal kull nuqqas ta' ftehim bejniethom. Fost hwejjeg ohra l-imsemmija Z P hija, jew tghid li hija konvinta, illi l-konvenut ried illi t-tifla tmur fl-iskola San Anton ghaliex it-tfal ta' martu jattendu dik l-iskola ghalkemm giet ripetutament avzata illi t-tfal ta’ martu jattendu skejjel ohra. Hjiel ta' dan kollu jemergi ukoll mill-ittra ta' mediazzjoni fejn wahda mir-ragunijiet ta' medjazziont hija ndikata bhala "li hija tixtieq temenda dan il-ftehim fis-sens ... illi l-mara tal-istess A S R ma tindahalx fl-affarijiet tat-tifla" .

6. Illi sussegwentament, l-imsemmija Z P ghamlet kontra l-konvenut rapport falz u malin, cioe` illi l-konvenut qieghed jikkorompi lil bintu. Dan ir-rapport sar meta l-konvenut kien gharraf lill-imsemmija Z P, ftit ta' hin wara illi l-minuri waslet fil-kura tieghu, illi l-minuri kienet qeghda tilmenta m' ommu illi kienet qeghda thoss hruq fil-parti intima taghha. Illi sussegwentement l-imsemmija Z P allegat wkoll b' mod malin u nveritier illi l-konvenut qieghed jinhasel mat-tifla. Ghal dan kollu l-esponent irrisponda b' mod dettaljat u ezawrijenti u r-rapport tat-Tabiba Carmen Portelli jikkorrobora dak illi l-konvenut minn dejjem stqarr, u cioe, illi hu qatt ma kkorrompa lil bintu.

7. Illi l-allegazzjoni ta' korruzzjoni hija allegazzjoni serjissima u bl-ebda mod ma tista ssir b' mod legger minn genitur kontra iehor. Jekk allura l-Qorti, bis-sahha tar-rapport fuq imsemmi, illi din l-allegazzioni saret f' cirkostanzi fejn kull genitur kien messu jew messu jkun jaf illi ma hemm ebda dubju illi t-tifla qatt ma giet b' xi mod molestata, din l-eventwali decizjoni tkun affermazzjoni tal-fatt illi l-imsemmija Z P ma hiex tajba biex tigi fdata bil-kustodja tat-tifla u anzi ikun misthoqq li jigi mistharreg jekk it-tifla ghandiex tibqa fil-kura regolari ta' persuna illi malizjozament firditha minn missierha.

8. Illi l-konvenut ma jafx ghalfejn qeghda issir din l-allegazzjoni fil-konfront tieghu. Huwa ma jaghti piz ta'xejn lil dak li allegatament qalet fuqu it-tifla W ghaliex f' dawn l-ahhar xhur it-tifla bdiet tghid hwejjeg illi juru bic-car illi hija qeghda tigi involuta fid-disgwid bejn il-genituri taghha u li hija konxja tar-risentiment illi Ancillieri thoss ghal Joanna, mart missierha. Fil-fatt l-konvenut jaf illi l-attrici bdiet tassocja ruhha u "tikkonsulta" lil investigatur privat certa Grace Gatt – li kienet membru tal-Korp tal-Puiizija sakemm telqet jew - kif sema l-konvenut - tkecciet. Il-htiega illi hasset l-attrici illi ghal dawn l-ahhar xhur, tinvolvi fir-rapport taghha mal-konvenut - illi allura jirrigwarda biss it-trobbija tat-tifla - investigatur privat f' cirkostanzi fejn qatt ma hemm xejn prima facie illi jinhtieg illi jigi investigat, hija haga inkwetanti ghall-konvenut, illi allura qieghed jifforma 1-impressjoni illi din l-investigatur giet ingaggata mill-attrici mhux bhala investigatur izda bhala konsulent dwar kif l-ostilitajiet taghha mal-konvenut jistghu jigu l-ahjar konsegwiti.

Ghaldaqstant il-konvenut jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna illi fl-interess suprem tal-istess minuri W S R, il-kura u l-kustodja tal-imsemmija minuri W S R tigi fdata lill-konvenut missierha salv l-access tal-attrici illi tigi ezercitata fil-granet u l-hinijiet illi jigu appozitament stabbiliti minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba li taqra kif gej:-

1. Illi l-konvenut A F S R mhux il-persuna idonea biex ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

2. Illi c-cirkostanzi prezenti jipprivaw lill-istess minuri W S R mill-istil ta' hajja li qed titrabba fih u dan meta hija diga' iffurmat decizjonijiet taghha u x'tixtieq.

3. Illi stante li din il-kwistjoni tmiss l-ahjar interessi tat-tifla u l-ambjent illi qed tghix fih, il-Qorti ghandha tghaddi biex tinnomina l-avukat tat-tfal halli tintervista lill-minuri de quo kif ukoll lill-minuri Maya li maghha titkellem u taqsam l-esperjenzi taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Gunju 2013 (fol 354) li permezz tieghu, wara li osservat illi ma rrizultalha xejn li fuq bazi ta' probabilita` jwassalha ghall-konvinciment morali li l-konvenut abbuza mill-minuri, u inter alia nnominat lill-

haddiema socjali Ms Therese Micallef bhala espert tal-Qorti biex tlaqqa` lill-konvenut u bintu wara assenza ta' kwazi sitt xhur u tassistihom jirristablixxu l-kuntatt li kellhom qabel.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2013, li permezz taghha nnominat lil Dr Kenneth Gulia bhala assistent gudizzjarju.

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Awwissu 2013, li permezz tieghu ordnat li b'effett sat-23 ta' Awwissu 2013, l-access tal-missier versu l-minuri jkun ta' 3 darbiet fil-gimgha ghal 4 sighat kull darba liema access ikun monitorjat u mhux supervizjonat mill-esperta tal-Qorti Therese Micallef, u li b'effett mit-23 ta' Awwissu 2013, l-access tal-missier versu l-minuri jigi stabbilit bl-istess modalita` u frekwenza li kien qed jigi ezercitat qabel id-digriet ta' din il-Qorti tal-10 ta' Dicembru 2012 inkluz sleepovers, izda jibqa` jigi monitorjat mill-haddiema socjali Therese Micallef sakemm ma tinghatax ordni ohra minn din il-Qorti.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Settembru 2013, li permezz tieghu, irrevokat contrario imperio kwalunkwe digriet precedenti rigwardanti l-iskola li ghandha tattendi l-minuri u ordnat li l-minuri tattendi l-Verdala International School.

Rat ir-rapport tal-haddiema socjali Therese Micallef (fol 479) mahluf fis-17 ta' Ottubru 2013.

B'digriet tat-20 ta' Gunju 2014, din il-Qorti ddikjarat inter alia, illi bid-digret taghha tal-5 ta' Settembru 2013, hija ordnat li l-minuri W S R tatendi l-Verdala International School u tibqa` hekk tattendi sena skolastika wahda wara l-ohra sakemm ma tinghatax ordni ohra. Dwar l-attivitajiet extra-kurrikulari li xi parti jew ohra tipproponi li l-minuri tattendi, ordnat li hadd mill-partijiet m'ghandu f'dan l-istadju d-dritt li wahdu jiddeciedi jew tiddeciedi attivitajiet extra-kurrikulari godda specjalment meta tali attivitajiet ikunu ser jahbtu ma' hinijiet ta' access ordnat mill-Qorti u f'dan ir-rigward ghandhom qabel xejn jinkarigaw lill-konsulenti legali taghhom sabiex isir skambju fir-rigward u f'kaz li n-nuqqas ta' qbil jippersisti, jirrikorru ghal decizjoni tal-Qorti. Il-Qorti ser tkun qed tiehu dan kollu in konsiderazzjoni fl-istadju tas-sentenza finali specjalment f'dak li jirrigwarda l-awtorita` tal-genituri. Fir-rigward ta' attenzjoni medika, kull genitur ghandu l-obbligu li jkun mgharraf jew mgharrfa b'dak kollu li jirrigwarda s-sahha tal-minuri. Ghalhekk tordna li jekk il-minuri timrad, u jkun hemm bzonn li tittiehed ghand tabib, il-gentur li jiehu jew tiehu tali azzjoni, ordnat/a li tghaddi lill-parti l-ohra kopja tac-cerftifikat mediku u tal-preskrizzjoni medika mal-konsenja l-ewwel darba tal-minuri lill-parti l-ohra sabiex il-minuri tibqa` tiehu l-kura medika lilha preskritta minghajr diffikulta`. Anke f'dan ir-rigward il-Qorti ser tkun qed tara kif ser jagixxu l-partijiet u tiehu dan ukoll in konsiderazzjoni waqt li

tiddelibera u tiddeciedi fis-sentenza finali fir-rigward tal-awtorita` tal-genitur fuq il-minuri.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju 2015, li permezz tieghu laqghet ir-rikors kongunt tal-partijiet u t-talbiet hemmhekk dedotti, jew ahjar ordnat illi [1] minkejja l-kuntratt tal-20 ta' Dicembru 2011, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' €385 in linea ta' manteniment ghall-minuri kull xahar bil-quddiem, liema manteniment ikopri l-ispejjez kollha tal-minuri b'mod li l-konvenut ma jkollu jhallas xejn iktar taht ebda cirkostanza; [2] il-konvenut ghandu jhallas nofs il-mizata tal-iskola Verdala liema pagamenti jsiru direttament mill-konvenut lill-awtoritajiet skolastici; [3] illi l-ammont ta' €385 ikun soggett ghal awment annwali kull l-1 ta' Marzu skont l-indici tal-gholi tal-hajja; [4] illi l-istess manteniment jibqa` jithallas sakemm il-minuri taghlaq 18-il sena jew sa 23 sena jekk tkompli l-istudji taghha b'mod full time purche tkun ghadha tirrisjedi mal-attrici, b'dan illi jekk wara li l-minuri taghlaq it-18-il sena hija tibda tirrisjedi ghal rasha u tkun ghadha tistudja full-time, il-manteniment jithallas mill-konvenut direttament lilha.

Rat id-diversi rikorsi u noti pprezentati mill-partijiet tul il-kors ta' dawn il-proceduri.

Rat l-atti, l-provi u d-dokumenti kollha tal-kaz, inkluz dawk ipprezentati quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet, ir-replika tal-attrici u l-kontro-replika tal-konvenut.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**PROVI**

L-attrici tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 44) u tghid inter alia illi waqt li kienet tqila, skopriet illi l-konvenut kellu relazzjonijiet ma' nisa ohra. Tghid li anke wara li twieldet it-tifla baqa` johrog mal-hbieb. Tghid li minn mindu l-minuri kellha erba` xhur iddeciediet li zzomm ir-relazzjoni mal-konvenut wahda platonika imma li hu seta` jara lit-tifla meta jrid. Tghid li gieli kienu jghaddu gimghat u hu ma jitfaccax. Tghid li spiss kien jghajjarha li imponiet lit-tifla fuqu ghaliex ma ghamlitx abort. Tghid li kien ammetta maghha wkoll li kien qed jaghmel uzu mid-droga kokaina. Tghid li meta siefret hmistax, halliet lil W mal-konvenut, izda mbaghad skopriet illi lanqas lejl wiehed ma kien ghamel maghha u t-tifla kienet dejjem ma' ommu. Tghid li fit-22 ta' Dicembru 2011, kienu iffirmaw il-kuntratt

sabiex jirregolaw l-affarijiet kollha rigwardanti l-minuri. Tghid li x-xenati u l-aggressivita` da parti tal-konvenut ma kinux jonqsu anke fil-presenza tat-tifla li beda jkollha hafna holm ikrah u li bdiet tbati mill-urtikarja. Kienet tghidilha wkoll illi kienet tiddejjaq fil-presenza ta' wahda mit-tfal tal-mara l-gdida tal-konvenut. It-tifla kienet imdejqa wkoll ghaliex missierha ried jibdlilha l-iskola. Fil-fatt hi kienet bdiet San Anton, izda mabaghad irnexxilha terga tibatha l-Verdala u t-tifla kienet kuntenta hafna. Tghid li fis-sajf, il-konvenut kien ikollu hafna iktar access, izda hafna drabi kienet tkun mal-genituri tieghu. Tirrelata wkoll dwar l-incident tal-1 ta' Dicembru 2012, fejn il-konvenut kien cemplilha biex jghidilha li ma kinitx qed tnaddaf sew lit-tifla u li kellha hmura fil-parti taghha. Tghid li t-tifla kienet qaltilha li habtitha ma' tavolina, izda meta nvistata gynaecologist sabet li kellha 1cm linear abrasion li ma setghetx saret bil-ponta tal-mejda. It-tifla qaltilha wkoll li missierha kien jinhasel maghha u mat-tifla ta' martu u li kienu raw il-parti privata tieghu. Ghalhekk ghamlet rapport u ttiehdu proceduri kriminali kontrih. Tghid li hija tixtieq il-kura u l-kustodja esklussiva b'access regolat, u li l-konvenut jerfa` wkoll il-piz finanzjarju.

L-attrici tixhed ukoll waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia tas-27 ta' Novembru 2013, fejn tesebixxi tliet CD recordings fejn tinstema t-tifla titkellem fuq problemi taghha (Dok CD1 CD2 CD3) u kopja ta' ircevuti tal-edukazzjoni u affarijiet ohrajn li jridu jinqasmu bin-nofs (Dok ZA1).

Waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tas-7 ta' Frar 2014, l-attrici tixhed in kontro-ezami u tghid inter alia, illi mart il-konvenut kienet ikkuntattjat l-iskola tal-minuri biex jghaddulha xi karta dwar il-minuri u l-konvenut kien informa l-iskola illi hi kienet ser tippikkja lit-tifla fl-assenza taghha. Tghid li wahda mir-ragunijiet ghaliex bdiet il-medjazzjoni hija sabiex mart il-konvenut ma tindahalx. Tghid li fiz-zmien li ffirmaw il-kuntratt kienet hassitha mgieghla illi taccetta kura u kustodja kongunta.

Waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2014, l-attrici tghid fost affarijiet ohra illi fiz-zmien li ffirmaw il-kuntratt kienu qed jaqblu fuq l-affarijiet bazici li issa qed jikkontestaw.

L-attrici terga` tixhed in kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta' April 2014, fejn tghid inter alia, illi hija tibghat lill-konvenut diversi emails dwar l-ispejjez li ghandu jhallas nofshom izda jinjorahom. Tghid ukoll li t-tabiba tat-tifla ghazlitha hi, u meta t-tifla tkun marida ghandu, l-konvenut jehodha ghand it-tabib tal-familja tieghu.

Waqt is-seduta tat-3 ta' Dicembru 2014, l-attrici in kontro-ezami tixhed illi hija tixtieq bhala manteniment ghall-minuri l-ammont ta' €385 fix-xahar eskluz nofs l-ispejjez tal-iskola u b'zieda ta' 3% fis-sena. Tghid li matul il-gimgha tixtieq li jsir

access ta' darba fil-gimgha per ezempju l-Erbgha, u dan ghaliex it-tifla jkollha hafna impenji, homework, extra-curricular activities u wkoll bzonn hin sabiex tirrilassa. Hija tghid li tissugerixxi li jehodha nhar ta' Erbgha ghaliex it-tifla ma jkolliex attivitajiet u darba kull gimghatejn jehodha l-weekend kollu. Fis-sajf tissugerixxi darbtejn fil-gimgha matul il-gimgha, it-Tnejn u l-erbgha mid-9am sas-2pm u tmiem il-gimgha kull gimghatejn.

Waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2015, l-attrici tkompli tixhed in kontro-ezami u tghid inter alia illi meta hi tkun imsiefra fuq xoghol, il-minuri tibqa` d-dar taghha flimkien ma' ommha jew ma' ohtha u tibqa` ghaddejja bir-rutina. Ma' missierha titlef ir-rutina kompletament. Tghid li ma kinitx talbet il-kunsens tal-missier sabiex tibatha ballet. Tikkonferma li t-Tlieta u l-Erbgha, t-tifla ma ghandha ebda attivitajiet. Tghid li madwar 30% tad-drabi fil-weekend u 40-50% mid-drabi matul il-gimgha, it-tifla tghidilha li ma tkunx rat lil missierha waqt l-access ghaliex jew ikun imisefer jew ikun imhabbat. Tghid li hi ma hijiex lesta tikkomunika mal-konvenut, u dan ghaliex fil-passat meta ppruvat kemm-il darba il-messaggi li kienu jigu lura kienu attakki u kliem ikrah u abbuz verbali u kellha tirrikorri l-Qorti biex twaqqfu, u dan semplicement ghaliex kienet qaltlu li t-tifla kienet ma tiflahx. Fit-30 ta' Marzu 2015 l-attrici tipprezenta nota b'dokumenti annessi (fol 876 et seq) li ghamlet referenza ghalihom waqt il-kontro-ezami taghha.

Tixhed Kerstin P bil-mezz tal-affidavit (fol 58) u tghid fost affarijiet ohra illi sa mill-bidu tat-tqala l-attrici qatt ma sabet appogg mill-konvenut. Tghid li l-attitudni tieghu kienet dejjem ta' arroganza, tisbit u ghajjat u tiftakar darba li kien imbotta lill-attrici quddiem it-tifla. Tghid li t-tifla spiss titkellem maghha u tghidilha fost affarijiet ohra li hi tixtieq familja wahda u mhux zewg familji u li l-familja taghha tinsab ma' ommha u li tixtieq lil missierha jhobb lil ommha.

Tixhed bl-affidavit Julie Galea (fol 62) li tghid fost affarijiet ohra, illi l-konvenut ma kienx jippartecipa fit-tqala tal-attrici. Tghid li spiss marret mal-attrici tistennih jigbor lill-minuri ghaliex kienet tibza li jista` jweggaghha.

Tixhed b'zewg affidavits Maria Gatt (fol 64 u 66) kugina tal-attrici li tghid inter alia illi l-assenza ta' l-konvenut fit-trobbija tal-minuri hija evidenti u dan tghidu ghaliex jiltaqghu mill-inqas darba fil-gimgha mal-atttrici u bintha. Tghid li l-attrici dejjem irsistiet u ghamlet sagrificcji personali ghal uliedha. Tghid li rat lit-tifla ghaddejja minn hafna *mood swings* qabel jew wara z-zjarat ma' missierha. Tghid li kemm ilha ma tara lil missierha erba` xhur hija rat tibdil fit-tifla fejn il-*mood swings* telqu u t-tifla hija iktar trankwilla u vivaci. Tghid li l-imgieba tat-tifla nbidlet hafna meta missierha qalilha li hu jixtieq li tibda tattendi San Anton school minflok Verdala International School.

Jixhed Ruben Gatt, gharus lill-kugina tal-attrici, b'zewg affidavits (fol 68 u 69) fejn jghid inter alia illi jiftakar diversi incidenti fejn it-tifla kienet semmiet il-fatt li missierha kien krudili fil-konfront ta' ommha u li kienet ratu jweggaghha fizikament. Jghid li l-attrici hija omm eccezzjonali u t-tfal taghha huma l-priorita` ghaliha. Jghid ukoll li l-minuri kienet tilmenta hafna meta missierha ried inehhiha minn Verdala International School.

Tixhed b'zewg affidavits Mary Grace Sive Mary Gatt (fol 70 u 72) u tixhed inter alia kif darba rat lill-konvenut ikun fizikament abbusiv lejn Z quddiem it-tifla. Tghid li t-tifla kienet tibza hafna waqt dawn iz-zjarat u gieli kellha episodji ta' inkontinenza urinarja. Tghid li l-frustrazzjoni tat-tifla kibret meta missierha ried jibdlilha l-iskola.

Tixhed Camilla P (fol 74) omm l-attrici li tghid inter alia kif darba rat lill-konvenut jilwi idejn l-attrici quddiem it-tifla. Tghid li meta t-tifla tkun ghandha u jigi ghaliha, tkun trid tlesti qabel il-hin ghax inkella hu jirrabbja hafna mal-mama` u jweggaghha. Tghid li fl-ahhar ftit xhur meta ma kienx qed jara lit-tifla rat kambjament fiha ghaliex it-tifla kuntenta u dejjem burdata tajba.

Tixhed Grace Gatt (fol 78) li tghid fost affarijiet ohra li gieli assistiet ghal xenati u aggressjonijiet tal-konvenut kontra l-attrici.

Tixhed Antonella Gatt (fol 372) li hi kugina tal-attrici u tghid inter alia, illi l-minuri kienet esprimiet maghha sens ta' responsabbilta` u htija li hi hassietha li kellha taghmel xi haga f'dan kollu. Qaltilha wkoll li hi kienet tibza tkellem lil missierha fuq il-bidla tal-iskola ghaliex inkella kien iwegga lil ommha.

L-attrici tipprezenta wkoll rapport tal-psikologa Denise Borg (fol 156) li fih tikkonferma li t-tifla ghaddiet minn trawma.

Waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tal-24 ta' Ottubru 2013, xehdet Marisa Russo mill-Agenzija Appogg u tghid li l-attrici kienet ghamlet kuntatt maghhom fejn gie allegat abbuz fiziku u emozzjonali minghand l-ex partner taghha, u kellha diversi laqghat maghha.

Jixhed bil-mezz tal-affidavit l-Avukat Dominic A. Cassar (fol 658) li jghid inter alia li l-konvenut jigi r-ragel ta' oht il-mara tieghu. Jghid li l-konvenut huwa persuna serja u ta' certu kapacitajiet. Jghid li kull meta ltaqa` mal-konvenut, il-mara tieghu u t-tfal taghhom, ra li jaghtu attenzjoni specifika lit-tfal, jindukrawhom u jiehdu hsiebhom hafna, jiccajtaw u jilghabu maghhom. Jghid li minbarra xoghol u familja, l-konvenut ma jitkellimx fuq affarijiet ohra u ghalkemm ferriehi jzomm fil-limiti ta' dak li hu serju u matur u qatt fuq frivolezzi

u piki jew aspetti negattivi. Jghid li jqis li mal-konvenut u martu, it-tfal ma jonqoshom xejn f'dik li hi trobbija, edukazzjoni u ghozza.

Tixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 784) Rita S R, omm il-konvenut u tghid inter alia, illi meta twieldet it-tifla, binha kien ferhan se jtir. Il-problema ma kinitx it-tifla izda l-fatt li hu ma riedx ikun f'relazzjoni ma' l-attrici ghaliex ma kienx ihobbha. Tghid li t-tifla kienet tqatta` hafna hin ghandhom, kienet torqod id-dar taghhom mill-inqas darbtejn fil-gimgha u kollox kien miexi sew. Tghid li meta t-tifla ghalqet sentejn bdiet tmur in-nursery u bdew jarawha inqas ta' spiss. Tghid li meta kienet tmur ghandhom, kienet tinnota li kienet tkun dejjem mahmuga ghalhekk kienet tahsilha malajr qabel jigi A. Tghid li iktar ma bdiet tikber iktar bdiet tfittex lilhom u lil A. Tghid li meta beda johrog ma' Joanna, din bdiet titratta lill-minuri daqs wahda minn uliedha u t-tifla kienet tiehu pjacir hafna tilghab ma' uliedha. Tghid li meta l-attrici ndunat li A u Joanna kienu f'relazzjoni bis-serjeta`, l-attrici bdiet tkun difficli mieghu u lanqas lit-tifla ma bdiet thallilhom. Tghid li l-ftit li kienu jarawha kienu jindunaw li kienet tkun mimlija kontra Joanna, t-tfal taghha u A. Tghid li meta A u Joanna zzewwgu l-affarijiet aggravaw u l-attrici kienet taghmel xenata b'dan li t-tifla spiss kienet tkun imbikkma u konfuza. Tghid li l-attrici hija moghmija mill-mibeghda lejn A u Joanna u sahansitra taghmel affarijiet li jwegghu lil bintha stess.

In kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2016, tixhed inter alia illi mhuwiex minnu li meta l-konvenut ikollu l-access it-tifla tkun maghhom, dak li jigri huwa li nhar ta' Tnejn waqt li jkun qed jehodha lura, jieqaf id-dar taghhom. L-uniku darba li jehduha huma lura lit-tifla huwa meta l-konvenut ikun maqbud l-ufficcju, imma dik tkun l-eccezzjoni. Mistoqsija jekk huwiex minnu li bintha ghandha certu problemi, tghid li ma hemm ebda kuntatt bejn bintha u l-minuri. Tghid li l-uniku darba meta l-konvenut kien imsiefer ghal hmistax hu meta marru l-honeymoon, il-bqija jsiefer ghal madwar jumejn.

Jixhed il-konvenut bl-affidavit (fol 1011) u jghid inter alia, illi l-attrici ghamlet minn kollox biex nehhiet lill-minuri minn hajtu u dan ghaliex hija mimlija rabja in kwantu zzewweg lil haddiehor. Jghid li meta l-attrici qaltlu li kienet tqila, il-problema tieghu ma kinitx it-tarbija izda ommha. Jghid li fl-ewwel sentejn ta' hajjitha, t-tifla ghamlet il-maggor parti tal-hin mieghu u mal-genituri tieghu. Jghid li meta saret taf li kien qieghed f'relazzjoni serja ma' Joanna, bdiet tikkrealu hafna diffikultajiet. Jghid li hu ffirma l-kuntratt dwar il-kura u l-kustodja fuq insistenza ta' l-attrici, izda fl-istess hin kellu serhan il-mohh li ma kinitx ser icahhdu mit-tifla kompletament. Jghid li huwa u l-attrici damu sejrin tajjeb sal-Milied 2011 imbaghad induna li hija kienet qed iggib ruhha b'mod normali biss sabiex huwa jiffirma l-kuntratt. Jghid illi hija ghamlitlu bosta akkuzi tul il-kors tal-proceduri. Kienet ukoll taghmillu hajtu difficli billi ggaghlu jigbor jew iwassal lit-tifla f'postijiet 'l boghod fit-tliet sighat li jkollu maghha, u dan biex tirritah. L-unika

soluzzjoni kienet l-ordni tal-Qorti li t-tifla tingabar jew titwassal id-dar taghha jew mill-iskola. Jghid li eventwalment kellu jibda jiehu mieghu lil xi membru tal-familja jew habib sabiex l-attrici ma tivvintax xi haga dwaru meta kienu jiltaqghu minhabba t-tifla.

Jghid li fiz-zmien ta' qabel iz-zwieg tieghu ma' martu, it-tifla kienet tigi tghidlu li suppost kellu jizzewweg lil ommha, u tfakkru f'affarijiet li kienu ghamlu meta kienu koppja. Jghid li f'dak iz-zmien it-tifla kienet tkun skomda illi turi affezzjoni lejh jew lejn il-familja tieghu u kienet thossha skomda maghhom fil-presenza ta' ommha. Jghid li anke meta akkuzatu b'abbuz fuq it-tifla, xorta kienet tibatha d-dar tieghu, anke ghal sleepovers u dan ma huwiex konsoni ma' omm preokkupata. Jghid li minhabba f'hekk, gie ordnat li jkollu access supervizjonat izda huwa rrifjutha li jghaddi lit-tifla minn dan u ghalhekk dam 7 xhur ma jaraha, sakemm ma giex liberat minn kull akkuza. Jghid li ghalkemm is-sitwazzjoni tjiebet hafna, it-tifla xi kultant ghadha thossha skomda turi affezzjoni lejh fil-presenza ta' ommha. Jghid li l-attrici ghamlet dak kollu possibbli biex izzomm lit-tifla minnu u irrifjutat li tiddiskuti l-attivitajiet tat-tifla  mieghu b'dan li kitbitha ghal attivitajiet anke kontra ordnijiet tal-qorti. Jghid li mhux minnu li nofs il-hin tal-access ihalli lit-tifla mal-genituri tieghu u lanqas li hu jsiefer weekend fix-xahar. Jghid li jixtieq li l-attrici tara u tapprezza l-fatt li martu u t-tfal taghha jhobbu lill-minuri u li din hija haga pozittiva u mhux minaccja ghaliha.

Jghid li filwaqt li jemmen li l-kura u l-kustodja ghandha tibqa` kongunta, jixtieq li l-minuri tghix mieghu u mal-familja tieghu u l-attrici jkollha access it-Tnejn u l-Erbgha wara l-iskola sat-8pm u fil-weekend b'mod alternat mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm u mis-Sibt fis-6pm sal-Hadd fis-6pm. Waqt il-vaganzi mit-Tnejn fil-5pm sat-Tlieta fl-10am u mill-Erbgha fil-5pm sal-Hamis fl-10am. F'kaz li l-Qorti tiddeciedi li jkun ahjar li l-minuri tirrisjedi mal-attrici, dan ikun jghodd ghalih. Il-bqija tal-festi jkunu regolati skont il-kuntratt iffirmat mill-partijiet. Fil-festi pubblici li jahbtu matul il-gimgha, huwa jixtieq access mid-9am sas-2pm jew mis-2pm sas-6pm. Fit-13 ta' April minn wara l-iskola jew mit-3pm sat-8pm u fit-13 ta' Lulju mit-3pm sas-6pm, li huma l-birthdays tat-tfal tal-mara tieghu. Jixtieq ukoll access ghal minuri ghal gimgha shiha fl-ahhar gimgha ta' Awissu, mill-24 fis-6pm sal-31 fis-6pm. Jghid li jixtieq li t-tifla tibqa` tingabar biss mill-iskola jew mid-dar ta' Z u f'kaz li hu ma jkunx jista` jmur ghaliha jew iwassalha, l-familjari tieghu jiehdu hsieb. Jghid li jixtieq li t-tifla tkun tista` ssiefer ma' kull wahda mill-partijiet ghal massimu ta' 15-il jum bil-kunsens tal-parti l-ohra bil-miktub, u li jkomplu l-arrangament li l-parti li tkun siefret l-ahhar izzomm il-passaport tat-tifla sal-vjagg li jmiss. Jirribadixxi li jixtieq izomm lit-tifla f'kaz li Z tkun imsiefra. Jghid ukoll li l-arrangament li lahqu pendente lite dwar il-manteniment ghandu jigi nkorporat fis-sentenza.

In kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2016, il-konvenut jghid inter alia, illi fil-kuntratt qatt ma nizzlu l-iskola tal-Verdala ghax hu qatt ma kien kuntent b'dik l-iskola. Jghid li lit-tifla l-kbira l-attrici ghamditha ta' seba` snin, izda lit-tifla taghhom marret ghammditha minn wara daru to spite him. Jghid li sal-lum kwazi kull darba li jkun hemm l-access tara kif taghmel l-affarijiet difficli. Jghid li l-attrici taqqbet (*piercing*) widnejn it-tifla ta' hames snin minghajr ma kkonsultatu u hu nehhijomlha u poggihomla fuq l-ghatba.

Tixhed Joanna S R, il-konjugi tal-konvenut, bl-affidavit (fol 1031). Tghid fost affarijiet ohra li l-attrici taghmel minn kollox biex tbieghed lit-tifla minn missierha kapriccozament. Tghid li hi thobbha qisha bintha u l-minuri tiehu pjacir hafna maghhom. Tghid ukoll li l-konvenut jaghmel mezz li jqatta` zmien wahdu mal-minuri halli jkollu hin ta’ kwalita’ maghha wahedha.

In kontro-ezami waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2016, l-istess xhud tghid inter alia, illi hi kienet tmur l-iskola Verdala mal-konvenut bhala *support* izda qatt ma kienet tghid xejn. Tghid li kull darba li jkollu l-access, l-attrici kienet tibaghtlu messaggi biex tirvinalu l-hin tieghu mat-tifla.

Waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju 2015, jixhed Clint Mercieca li jghid li hu gradwat fil-psikologija izda jahdem bhala director of sales operations mal-Air Malta flimkien ma' A u huwa l-kugin tieghu. Jghid li fil-weekend kemm jista` jkun ikopruh meta jkollu lit-tifla. Jghid li l-konvenut u t-tifla ghandhom relazzjoni ta' mhabba u anke ma' martu u wliedha t-tifla tkun kuntenta hafna. Jghid li kemm dam ma jarax lit-tifla, l-konvenut kien *depressed* u kien imur l-ufficcju mdejjaq u anke beka. Jghid li s-sitwazzjoni marret ghall-aghar meta dahlet Joanna fl-istorja.

Waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 tixhed Erika Farrugia Harding li tghid li bdiet tahdem mal-konvenut xi 20 sena ilu l-Corinthia. Tghid li hi u l-konvenut huma l-owners ta’ kumpanija u ghalhekk huma flessibbli. Tghid li huma jorganizzaw konferenzi ghal gruppi li jahdmu u ghalhekk fil-vaganzi bhal sajf, Ghid u Milied ikunu kalmi u jistghu jahdmu mid-dar. Tghid li jsiefru sa massimu ta' tliet darbiet kull wiehed ghal tlieta jew erbat ijiem. Tghid li ilha taf lill-konvenut minn meta kienu ghadhom tfal. Tghid li Joanna titratta lil W qisha wahda mit-tfal taghha u l-minuri tmur tajjeb ukoll maz-zewgt itfal ta' Joanna. Tghid li tant tafdah lill-konvenut li ser tghammed lit-tifla taghha u tixtiequ jkun il-parrinu.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

**Varjazzjoni ta’ Ftehim dwar Minuri approvat mill-Qorti.**

Il-Qorti tibda biex tirrimarka illi hawn non si tratta ta' kaz imressaq ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti sabiex jigi deciz dak kollu li jikkoncerna lill-minuri. Jirrizulta illi b'digriet tat-22 ta' Dicembru 2011 il-Qorti kienet approvat abbozz ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet fir-rigward tal-kura u kustodja tal-minuri, access, manteniment u affarijiet ohra affini. Il-ftehim fih sitt pagni (ezebit mill-konvenut mar-risposta guramentata tieghu a fol. 20).

Strettament ghalhekk l-attrici kien jehtigielha fl-ewwel lok tipprezenta kopja tal-ftehim approva mill-Qorti bid-digriet fuq imsemmi, u titlob varjazzjoni ghall-istess.

Il-Qorti ser tikkonsidra t-talbiet attrici bhala talbiet ghall-varjazzjoni tal-ftehim approvat fuq imsemmi.

**Pacta Sunt Servanda.**

Il-principju legali regolanti l-materja in dizamina huwa maghrufa bil-frazi "pacta sunt servanda" kif applikat bl-**artikolu 992 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi:

***(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***

***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi***

In tema legali ghandu jinghad illi l-gurisprudenza taghmel distinzjoni bejn ftehim approvat minn banda u sentenza mill-banda l-ohra. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet "**Mary Vella vs Mario Vella**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar 1996, meta si tratta ta' separazzjoni konsenswali, fejn il-partijiet ikunu kkonkordaw bejniethom dwar il-manteniment, il-kriterji applikabbli mill-Qorti meta jkun hemm talba ghall-varjazzjoni tal-manteniment pattwit huma aktar rigidi u gravi minn dawk talvolta applikabbli f'kas ta' manteniment li jkun gie stabbilit u ordnat b'sentenza tal-Qorti.

Fil-kawza gia' citata fl-ismijiet "**Jean Pierre sive Jean Borg vs Nicole Borg**" ntqal is-segwenti;

"Filwaqt li l-principju 'pacta sunt servanda' ghandu jirregola l-kuntratti tas-separazzjoni personali bhal kull kuntratt iehor, izda f'cirkostanzi gravi, eccezzjonali jew indipendenti mill-volonta' tal-parti li gabuha fl-impossibilita' li tkompli tezegwixxi l-obbligu ta' hlas tal-manteniment pattwit bejn il-partijiet, il-Qorti ghandha il-fakolta' li tirrevedi dan l-obbligu.

Fil-ligi tal-familja dan il-principju huwa ferm aktar flessibbli fejn jirrigwarda lill-minuri. Il-Qorti hi moghtija s-setgha illi f'kull zmien tintervejni jekk l-interess tal-minuri jkun hekk jirrikjedi.

**Artikolu 61 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi:-

***(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd minnhom, jiġi annullat mill-qorti kompetenti, meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-tfal.***

***(2) F'dak il-każ, il-qorti għandha tiddeċidi f'idejn min għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu edukati***.

Il-Qorti qed tigi mitluba mill-attrici sabiex takkorda l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejha b'access favur il-konvenut. Il-konvenut rikonvenzjonant min-naha tieghu qed jitlob illi jinghata l-kura u kustodja tal-minuri esklussivament f'idejh b'access favur l-attrici rikonvenzjonata.

**KURA U KUSTODJA TAL-MINURI**

Il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hija mghobbija bir-responsabbilta' li f'kull kaz li jikkoncerna minuri, tara li d-decizjonijiet li tiehu jkunu ggwidati minn konsiderazzjonijiet dwar x'inhu fl-interess suprem tal-istess minuri.

Tali responsabbilta' hija regolata bl-**artikolu 149 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi illi :-
*"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista, jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel."*

F'sentenza fl-ismijiet **Sarah Anne Duca vs Clint Xuereb** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Gunju 2016 ntqal li:

*"Idealment il-kura u l-kustodja ta' minuri tkun kongjunta bejn il-genituri. Anke mill-aspett psikologiku hu essenzjali ghall-minuri li kemm ommu kif ukoll missieru, ikunu parti minn hajtu u jippartecipaw attivament fid-decizzjoniijiet kollha li jkunu qed jikkoncernaw lill-istess minuri. Sabiex kura u kustodja tithalla f'idejn iz-zewg genituri huwa necessarju li jigi ppruvat li tali kura u kustodja konguntа tkun fl-ahjar interess tal-minuri. Izda l-Qorti hija fid-dover li timxi b'kawtela kbira meta tigi sabiex tiddeciedi dwar il-kura u kustodja ta' minuri fl-isfond ta' litigji kontinwi bejn iz-zewg genituri. "*

F'sentenza fl-ismijiet **Francienne Fenech vs Alexander Fenech**, deciza fid-29 April 2016, il-Qorti ta' l-Appell qalet hekk:

*"40. In tema legali, issir referenza ghal dak riportat fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja fil-kawza numru 277/2012 A B v. C D, deciza fit-30 ta' April 2015, fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita` ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti;*

*"In tema legali issir referenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-ġenituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja m'ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri. Fis-sentenza appena citata l-Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:-*

*'Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li, ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli.'*

*"Fis-sentenza Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014, il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li jaghti l-poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri.*

*"Fl-ahharnett issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014 fl-ismijiet Mario Darmanin vs Annalise Cassar,*

*' ……..meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuri, il-Qorti ma ghandhiex tkun iddettata u kondizzjonata mill-merti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss dwar x'inhu l-ahjar interess tal-minuri. (vide per ezempju Magro v. Bonnett 11 ta' Dicembru 2003 u Portelli v. Portelli, 25 ta' Gunju 2003 – Prim' Awla).*

*'Dwar jekk kura u kustodja kongunta f'kazi bhal dawn hijiex l-ahjar soluzzjoni, din il-Qorti taqbel ma' sensiela ta' sentenzi moghtija minn din il-Qorti fl-ahhar snin u cioe' kif qalet din il-Qorti illi: "Il-Qorti qed tiskarta t-talba ghal kustodja kongunta ghaliex bhala sistema m'hijiex prattikabbli meta l-ġenituri ma jiftehmux bejniethom." (Miriam Cauchi v. Francis Cauchi – Qorti tal-Appell, 3 ta' Ottubru 2008). Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.'*

*.... Kif fuq spjegat, id-decizjoni tal-Qorti f'din il-materja tmur lil hinn minn jekk parti hijiex kapaci jew affidabbli. I<u>l-Qorti trid tiehu kont ta' x'inhu fl-interess suprem tal-minuri mil-lat l-aktar ampju tieghu, inkluz is-sahha fizika u psikologika taghhom, kif ukoll il-mod kif ukoll l-animu li jaraw li l-genituri ghandhom fil-konfront ta' xulxin. Zieda fil-konflitti bejn il-genituri minhabba it-tfal zgur illi ma hux ser jghin lil dawn iz-zewg minuri jghixu ahjar f'din is-sitwazzjoni familjari li diga` ma hi xejn felici ghalihom. Din il-Qorti hi tal-fehma li filkaz odjern ikun fl-interess suprem tal-istess minuri illi l-kura u l-kustodja taghhom tibqa' f'idejn l-omm bl-access kif stabbilit favur il-missier "</u>* [sottolinear tal-Qorti]

Applikati l-principji su-citati ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Sfortunatament, matul il-kors ta' din il-kawza, l-Qorti kellha f'izjed minn okkazjoni wahda tiddeplora l-agir tal-partijiet u l-atteggjament negattiv taghhom fil-konfront ta' xulxin a detriment tal-minuri. Ghalkemm kull parti twahhal fl-ohra ghan-nuqqasijiet ta' agir, il-Qorti ssib nuqqasijiet fuq iz-zewg nahat. Iz-zewg partijiet, ghomja bl-animizita` u l-pika fil-konfront ta' xulxin jonqsu milli jaraw il-hsara li qed jaghmlu lil dik li hi l-iktar persuna vulnerabbli fis-sitwazzjoni, u li suppost qeghdin jaghmlu minn kollox biex jipproteguwha u jissalvagwardjaw is-sahha fizika u mentali taghha.

Il-Qorti tosserva illi f'dan ir-rigward l-attrici hija hatja ferm aktar mill-konvenut inkwantu huwa evidenti mill-kronologija tal-fatti kif irrizultaw lill-Qorti, illi l-attrici ghadha prattikament sallum ma accettatx li r-relazzjoni taghha mal-konvenut spiccat u li hu min-naha tieghu ifforma familja ohra ma' mara ohra.

Ir-reazzjonijiet aggressivi da parti tal-konvenut specjalment fil-presenza tal-minuri huma u jibqghu hziena in kwantu l-hsara psikologika li ssir lil tfal f'eta'

tenera li jsibu ruhhom f'nofs atti agressivi u vjolenti bejn l-aktar zewg persuni gheziez ghalihom m'ghandiex, hija bla qies u f'certi kazi irriversibbli.

Jispetta ghalhekk lil din il-Qorti illi tistabilixxi dak li fic-cirkostanzi hu fl-ahjar interess ta' din il-minuri. Sabiex tasal ghal dan il-gudizzju, jehtiegilha thares lejn l-istampa kollha u tqis il-konsegwenzi fil-futur qarib, kif ukoll dawk fit-tul, li kwalsiasi decizjoni jista` jkollha fuq hajjet il-minuri.

Tenut kont ta' dan kollu, b'mod partikolari kkunsidrat il-fatt li l-livell ta' kunflitt bejn il-partijiet ghadu gholi, l-Qorti hija tal-fehma li jehtieg varjazzjoni dwar il-modalita' ta' kura u kustodja tal-minuri.

Il-partijiet m'humiex kapaci jitkellmu ma' xulxin b'mod civili. Dan in-nuqqas huwa ampjament evidenzjat min-numru kbir ta' rikorsi li gew pprezentati miz-zewg nahat waqt il-kawza, kull parti titlob varjazzjoni ta' digrieti pendente lite jew akkuzi ta' ksur tad-digrieti.

Il-Qorti pero' tirrimarka wkoll illi lejn fl-ahhar stadji tal-kawza is-sitwazzjoni ta' bejn iz-zewg genituri naqset bil-bosta il-livell ta' animozita. Dan jawgura tajjeb ghall-futur tal-minuri.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz il-Qorti hi tal-fehma illi mhux fl-interess tal-minuri illi xi hadd mill-partijiet jinghata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri. Dan qed jinghad peress illi l-ghoti tal-kura u kustodja esklussiva lil naha jjew ohra ghandu r-riskju, reali f'din il-kawza, li l-minuri tigi aljenata mill-genitur l-iehor.

Ghalhekk il-Qorti qed tiddeciedi illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tibqa' kongunta bis-segwenti kondizzjonijiet:-

Decizjonijiet straordinarji rigwardanti s-sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri flimkien, ghajr ghal sitwazzjonijiet ta' emergenza jew periklu imminenti. Fir-rigward ta' attenzjoni medika, kull genitur ghandu d-dritt li jkun mgharraf jew mgharrfa b'dak kollu li jirrigwarda s-sahha tal-minuri. Ghalhekk f'kaz li l-minuri timrad, u jkun hemm bzonn li tittiehed ghand tabib, il-genitur li jiehu jew tiehu tali azzjoni, ordnat/a li tghaddi lill-parti l-ohra kopja tac-certifikat mediku u tal-preskrizzjoni medika mal-konsenja l-ewwel darba tal-minuri lill-parti l-ohra sabiex il-minuri tibqa` tiehu l-kura medika lilha preskritta minghajr diffikulta`.

F'dak li ghandu x'jaqsam mal-edukazzjoni tat-tifla, iz-zewg partijiet ghandhom id-dritt li jigu nformati mill-iskola bl-andament tal-minuri , inkluz rizultati skolastici,

u kull genitur ghandu jkun mistieden ghall-attivitajiet u *parent meetings* kollha li ghalihom ikunu mistiedna l-genituri tal-istudenti.

**ACCESS GHALL-MINURI**

Filwaqt li l-attrici tissottometti illi l-hinijiet tal-access tal-missier ghandhom jinbidlu u jidher li tixtieqhom jonqsu, il-konvenut itenni illi huwa fl-interess tal-minuri illi l-hin tieghu maghha jizdied, u dan skont dak li s-social worker Therese Micallef sostniet li hi x-xewqa tal-istess minuri.

Tenut kont tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet f'Dicembru 2011, kif ukoll tat-tibdil rispettiv propost miz-zewg partijiet, izda b'mod partikolari tenut kont tal-bzonnijiet u l-interessi tat-tifla, il-Qorti qed tiddeciedi li l-access ghall-minuri ghandu jigi regolat bil-mod segwenti:

Fil-granet tal-iskola, kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Erbgha, t-tifla ghandha tingabar mill-missier wara l-iskola u tittiehed lura d-dar ta' ommha mhux iktar tard mit-8pm. Fil-weekend, b'mod alternat, gimgha minnhom il-missier ikollu access mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6 pm sal-Hadd fis-6pm. Fil-granet ta' matul il-gimgha, l-missier ghandu jaghmel il-homework/studju mal-minuri sabiex dan ikun lest meta tmur lura d-dar. Fil-kazijiet eccezzjonali fejn il-missier ma jkunx jista` jigbor jew iwassal lura lit-tifla, dan ghandu jsir minn xi membru tal-familja tieghu.

Fil-granet ta' jum l-omm u jum il-missier, is-sleepover tal-minuri tal-missier ghal kull wiehed minn dawk iz-zewg weekends ghandu jigi ezercitat b'mod illi f'Jum l-Omm, il-missier ikollu access mill-Gimgha ghas-Sibt fil-hinijiet hawn fuq stipulati, filwaqt li f'Jum il-Missier huwa jkollu access mis-Sibt ghall-Hadd fl-istess hinijiet. Mill-gimgha ta' wara, l-access ikompli bir-rutina alternata tal-weekend li jkun imiss, daqs li kieku ma jkun sar ebda tibdil ghal Jum l-Omm jew Jum il-Missier.

Waqt il-vaganzi skolastici tal-Milied, Ghid u s-Sajf, l-access ghandu jigi ezercitat mill-missier kull nhar ta' Tnejn mill-5pm sat-Tlieta fl-10am u kull nhar ta' Erbgha fil-5pm sal-Hamis fl-10am. Fil-weekends, ghandha tinzamm l-istess sistema ta' matul is-sena skolastika, b'mod alternat gimgha minnhom mill-Gimgha fis-6pm sas-Sibt fis-6pm u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6 pm sal-Hadd fis-6pm.

Fil-granet tal-Milied u l-Ewwel tas-sena, b'mod alternat l-ewwel sena minn lejlet il-Milied fil-5pm sal-10am tal-gurnata tal-Milied, u fit-tieni sena mill-10am ta' filghodu tal-gurnata tal-Milied sal-5pm tal-istess. F'jum l-ewwel tas-sena, fl-ewwel sena mill-Ewwel tas-Sena fl-10am sal-5pm tal-istess, u fit-tieni sena minn Lejlet l-Ewwel tas-Sena fil-5pm sal-ghada fl-10am.

Fl-Ghid il-Kbir b'mod alternat fl-ewwel sena mit-3pm sat-8pm u s-sena ta' wara mill-10am sat-3pm.

Fil-festi pubblici illi jaqghu matul il-gimgha u fil-granet tat-13 ta' April u t-13 ta' Lulju, li huma l-granet ta' gheluq snin tat-tfal ta' mart il-konvenut, huwa jkollu access ghall-minuri bejn it-3 u s-6pm, filwaqt illi f'jum gheluq snin ta' bint l-attrici oht il-minuri, jekk dan jahbat matul xi gurnata tal-access, l-access ghandu jonqos b'saghtejn biex il-minuri tkun tista` tqatta` izjed zmien ma' ohtha f'jum gheluq sninha.

F'jum gheluq snin tat-tifla, l-access ghandu jigi alternat l-ewwel sena mill-10am sat-3pm u s-sena ta' wara mit-3pm sat-8pm.

Il-missier ghandu jkollu wkoll access ulterjuri ta' gimgha shiha darba fis-sena, bejn l-24 ta' Awissu fis-6pm u l-31 ta' Awissu fis-6pm.

F'kaz ta' safar tal-missier, l-access ghandu jigi ezercitat min-nanniet paterni. Sakemm ma jkunux ta' natura indispensabbli u li ma jistghux jitressqu ghal gurnata ohra, bhal ma hi d-duttrina, il-minuri ma ghandha tigi iskritta ghal ebda attivita` fil-hinijiet ta' access ta' matul il-gimgha tal-missier.

**MANTENIMENT**

Il-provedimenti principali fil-Kodici Civili dwar d-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom huma s-segwenti:

**Artikolu 7**
*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu,ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.*

**Artikolu 19**
*(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel. L-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.*

**Artikolu 20**
*(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persina ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew imobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju that trust.*

Il-partijiet, genituri tal-minuri, m'humiex mizzewgin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genitura huma mizzewgin lil xulxin, sew jekk le.

L-**Artikolu 93 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*93. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il- ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ.*

B'digriet taghha tal-20 ta' Mejju 2015, din il-Qorti laqghet ir-rikors kongunt tal-partijiet u ordnat illi [1] minkejja l-ftehim tal-20 ta' Dicembru 2011, il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' €385 in linea ta' manteniment ghall-minuri kull xahar bil-quddiem, liema manteniment ikopri l-ispejjez kollha tal-minuri jkunu ta' liema natura jkunu, b'mod li l-konvenut ma jkollu jhallas xejn iktar taht ebda cirkostanza salv ghal dak deciz taht is-subinciz [2]; [2] il-konvenut ghandu jhallas nofs il-mizata tal-iskola Verdala liema pagamenti jsiru direttament mill-konvenut lill-awtoritajiet skolastici; [3] illi l-ammont ta' €385 ikun soggett ghal awment annwali kull l-1 ta' Marzu skont l-indici tal-gholi tal-hajja; [4] illi l-istess manteniment jibqa` jithallas sakemm il-minuri taghlaq 18-il sena jew sa 23 sena jekk tkompli l-istudji taghha b'mod full time purche tkun ghadha tirrisjedi mal-attrici, b'dan illi jekk wara li l-minuri taghlaq it-18-il sena hija tibda tirrisjedi ghal rasha u tkun ghadha tistudja full-time, il-manteniment jithallas mill-konvenut direttament lilha.

Il-partijiet kienu qablu illi dan il-ftehim ghandu jigu nkorporat fis-sentenza finali sabiex tigi sorvolata t-tieni talba attrici, u ghalhekk tali digriet kif hawn fuq spjegat qieghed jifforma parti ntegrali mill-odjern gudizzju, u qieghed jirregola l-

manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici rapprezentanti manteniment ghall-minuri binthom.

**SAFAR U PASSAPORT TAL-MINURI**

Fir-rigward ta' safar tal-minuri, l-Qorti qeghdha tipprefiggi s-segwenti *modus operandi* fl-ahjar interess tal-minuri.

Il-minuri ghandha f'kull hin, ikollha passaport validu u l-partijiet ghandhom jaghtu l-kunsens taghhom u jaghmlu dak kollu li jkun mehtieg meta jkun hemm bzonn jinhargilha passaport gdid. Kull parti ghandha l-jedd li ssiefer bil-minuri waqt il-vaganzi skolastici taghha, ghal perijodu ta' mhux aktar minn 15-il jum f'sena. Il-passaport tal-minuri ghandu jinzamm minn dik il-parti li maghha tkun siefret l-ahhar il-minuri, li ghandha tikkonsenja l-passaport lill-parti l-ohra meta din tkun ser issiefer mal-minuri, mhux inqas minn xahar qabel id-data tat-tluq.

Kull parti li tkun ser issiefer bil-minuri ghandha, mill-inqas 6 gimghat qabel it-tluq, tinforma lill-parti l-ohra bil-miktub, bl-intenzjoni li ssiefer bil-minuri u bid-dettalji kollha tas-safra, inkluz dati, hinijiet, indirizzi ta' lukandi jew akkomodazzjoni ohra u n-numri tat-telefon fejn il-minuri tkun tista` tigi kkuntattjatha. Il-parti li maghha tkun imsiefra t-tifla ghandha taghmel mezz li t-tifla tkellem lill-genitur l-iehor mill-inqas darba kuljum bit-telefon waqt li din tkun imsiefra liema telefonata ghandha ssir f’hin tal-gurnata decenti u m’ghandiex tkun esageratament twila.  Il-Qorti qed tordna ghalhekk illi fin-nuqqas ta’ intendiment mod iehor bejn il-partijiet tali telefonata m’ghandiex teccedi l-ghaxar minuri.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi, qed taqta` u tiddeciedi l-azzjoni u l-kontro-talba billi, prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-talbiet attrici u mill-eccezzjonijiet tal-attrici rikonvenzjonata, kif ukoll mit-talbiet attrici u minn dawk rikonvenzjonali bil-mod kif hawn deciz:

[1] Tichad l-ewwel talba attrici u tichad l-ewwel talba rikonvenzjonali  u minflok tordna li l-kura u kustodja tal-minuri W S R ghandha tibqa’ f’idejn iz-zewg genituri flimkien fit-termini u taht il-kondizzjonijiet stabbiliti fis-sezzjoni intestata *'Kura u Kustodja tal-Minuri'*, b'access favur il-konvenut kif regolat fis-sezzjoni intestata '*Access ghall-Minuri*'.

[2] Tvarja l-ftehim tal-partijiet rigwardanti l-manteniment dovut mill-missier versu l-minuri u dan bil-mod fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata *'Manteniment'*.

[3] Tirregola l-hrug tal-passaport u s-safar tal-minuri skont dak stabbilit fis-sezzjoni intestata *'Safar u Passaport tal-Minuri.'*

[4] Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Deputat Registratur**